MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 76/2011

**Joseph (KID nru 435345(M) u Marianne (KID nru 1077645(M) konjugi Grech u Dr. Joseph Ellis (KID nru 21763(G) u martu Dr. Gloria Lauri-Lucente (KID 122959(M).**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrenti Joseph (KID nru 435345(M) u Marianne (KID 1077645(M) konjugi Grech u Dr. Joseph Ellis (KID 21763(G) u martu Dr. Gloria Lauri-Lucente (KID 122959(M) datat 19 ta' Dicembru 2011 a fol. 1 tal-process fejn esponew:-

Illi permezz tal-appell taghhom quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-13 ta' Jannar 2011, l-

esponenti talbu r-revoka tal-Applikazzjoni Numru *PA 3568/09 - Tigdid ta' PA 5726/03* li gie approvat b'decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp tat-23 ta' Novembru 2010.

Illi r-ragunijiet ghal dan l-appell kienu dawn li gejjin :

Fl-ewwel lok, kif jidher mir-ritratti li gew mehudin fit-2 ta' Novembru 2009 u li gew ikkommunikati lill-Awtorita` appellata fil-5 ta' Novembru 2009, l-avviz dispost mil-ligi fl-**artikolu 32 (4) tal-Kap. 356** tnehha minn xi hadd mhux maghruf qabel il-perjodu ta' ghoxrin jum li titlob il-ligi. Ghaldaqstant, din l-applikazzjoni l-anqas ma kellha tibda tigi pprocessata qabel ma jerga' jehel tali avviz u jithalla imwahhal ghall-perjodu ta' ghoxrin jum. Minkejja illi l-Awtorita` appellata giet avzata illi dan il-provvediment tal-ligi ma giex osservat, xorta baqghet tipprocessa l-applikazzjoni u ma ghamlet xejn sabiex tirrimedja n-nuqqas li gie lilha senjalat qabel ma' ghadda t-terminu dispost mil-ligi.

Illi fit-tieni lok, il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp ma kellhiex tapprova l-applikazzjoni in kwistjoni minhabba l-fatt illi l-applikazzjoni ghall-emenda minuri illi l-applikant talab ghall-permess bin-numru PA 5726/03 dahlet fid-29 t' April 2010 u giet approvata fil-15 ta' Mejju 2010, jigifieri wara li skada l-perjodu ta' validita' ta' PA 5726/03. Ghaldaqstant, tali applikazzjoni ghal emenda minuri ma setghetx tigi approvata fir-rigward ta' permess li ma kienx ghadu operattiv fil-15 ta' Mejju 2010. Galadarba, il-permess ta' applikazzjoni PA 5726/03 ma' giex emendat skont il-ligi, l-oggezzjonijiet tad-Direttorat ghall-applikazzjoni odjerna kellhom jigu konfermati minhabba l-bdil fil-"policies" vigenti fil-perjodu successiv ghall-approvazzjoni ta' PA 5726/03.

Illi fit-tielet lok, u fil-mertu, il-mittenti qed jirrieteraw l-oggezzjoni taghhom ghal din l-applikazzjoni ghall-istess ragunijiet illi fuqhom sejsu l-oggezzjoni taghhom kemm ghall-applikazzjoni PA 5726/03 kif ukoll l-"outline development application" precedenti u cioe' PA 2765/02 u senjatament, illi din l-applikazzjoni tikkontravjeni l-"policy"

BEN 1 u BEN 2 tal-Pjan ta’ Struttura kif ukoll paragrafu 7.2 tat-Tieni Parti tal-istess Pjan ta’ Struttura.

Illi l-Awtorita` appellata ma dahlietx risposta fit-terminu koncess lilha mil-ligi imma qatt ma giet iddikjarata kontumaci u thalliet iddahhal risposta tardivament fis-6 t’April, 2011 u dana ostensibilment ghaliex l-Awtorita` intimata kellha wisq pressjoni ta’ xoghol ghaliex ragunijiet propji qatt ma nghataw. Fir-risposta tardiva taghha, l-Awtorita` intimata qalet illi l-esponenti m’ghandhomx interess giuridiku illi jqanqlu l-fatt illi l-avviz illi jitwahhal mas-sit tnehha qabel iz-zmien ghaliex huma kienu jafu bl-applikazzjoni *de quo* u altrimenti ma kienux joggezzjonaw ghall-applikazzjoni fiz-zmien statutorju. Skont l-Awtorita` appellata, il-giurisprudenza tirritjeni illi l-validita` ta’ appell tiddependi m’hux fuq l-avviz li jkun hemm fuq is-sit imma fuq it-thabbir tal-applikazzjoni fuq gurnal lokali.

Illi fit-tieni lok, l-Awtorita` appellata ssottomettet illi l-“minor amendment” ghall-permess numru PA 5726/03 gie sottomess fis-26 t’April 2010, jigifieri jum qabel ma skada. Ghalkemm il-“minor amendment” ma estendhiex il-validita` tal-permess originali, dan il-permess iggedded bl-applikazzjoni odjerna li gie sottomess meta l-permess kien ghadu validu. Il-pjanti li gew approvati bl-applikazzjoni odjerna jaqblu ezatt mal-pjanti li gew approvati bil-“minor amendment” tal-permess precedenti PA 5726/03.

Illi fit-tielet lok, l-Awtorita’ appellata stqarret illi ghalkemm huwa minnu illi meta l-izvilupp ma jkunx inbeda, ghandhom japplikaw il-“policies” vigenti llum u mhux meta giet approvata l-applikazzjoni originali, il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp ghandha diskrezzjoni kif tapplika l-“policies” u peress illi dina kienet applikazzjoni ghal tigdid ta’ permess gja approvat u peress illi l-applikant naqqas it-tul tal-kamra li tohrog ‘il barra mil-linja tal-bini, il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp dehrilha illi tali zvilupp huwa accettabli peress li dina kienet kwistjoni ta’ dizinn.

Illi fir-raba’ lok, is-sit tal-izvilupp propost huwa residenzjali fejn l-izvilupp skont il-pjan lokali jista’ jsir tliet sulari gholi u

*semi-basement.* Ghaldaqstant, peress illi l-izvilupp propost jirrispetta l-limitazzjoni tal-gholi, qed tigi rispettata z-zona tal-izvilupp u ghaldaqstant, huwa kompatibbli mal- “policies” tal-pjan ta’ Struttura BEN1 u BEN2.

Illi l-ewwel Onorabbli Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fis-sentenza tieghu tad-29 ta’ Novembru 2011 cahad it-talbiet tar-rikorrenti. Fir-rigward tal-htiega illi l-avviz fuq is-sit jibqa’ mwahhal ghal 20 jum, l-ewwel Onorabbli Tribunal ghamel referenza ghal decizjoni tieghu stess fl-ismijiet **“Peter Darmanin vs L-Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Luciano Ursino Giotto**” deciz fit-28 ta’ Lulju 2011 u rritjena illi “Il-giurisprudenza in materja, u l-insenjament tal-Qorti hu kostanti u konsistenti li t-terminu hu wiehed perentorju, u ghandu jigi relatat ma’ dak li hu cert u inekwivokabbli, cjoe` d-data tal-pubblikazzjoni fil-gazzetta u m’hux mat-twahhil tas-“site notice”- li dwarha jistghu jinqalghu diversi incertezzi...”

Illi fir-rigward tal-kwistjoni jekk kienx skada l-permess originali, meta saret it-talba ghal tigdid, l-ewwel Onorabbli Tribunal qablet mal-Awtorita` appellata illi l-applikazzjoni saret meta kien ghadu ma skadiex il-permess. Il-permess originali jiggedded bis-sahha ta’ “renewal application” sakemm din tigi pprezentata qabel ma tiskadi l-validita` tal-permess.

Illi l-ewwel Onorabbli Tribunal qabel ukoll mal-Awtorita` appellata illi l-*area* in kwistjoni hi *zoned* bhala wahda residenzjali b’*height limitation* ta’ 3 *floors* u *semibasement,* skont il-Pjan Lokali, u billi l-izvilupp propost hu konformi ma dak indikat fil-Pjan Lokali ma jistax jinghad li qed issir kontravenzjoni tal-Policies BEN1 u BEN2 tal-Pjan ta’ Struttura.

Illi l-esponenti jhossuhom aggravati minn dina d-decizjoni u minnha jixtiequ jinterponu umili appell.

Illi l-aggravji tal-esponenti huma cari u jikkonsistu fis-segwenti :

Fl-ewwel lok, l-applikant tal-permess *de quo* ma jidhierx illi gie kkjamat in kawza minkejja illi fil-verbal tal-ewwel seduta quddiem l-ewwel Onorabbli Tribunal fil-21 t'April 2011 gie verbalizzat illi l-applikant kien prezenti ghalkemm ma giex imnizzel illi l-applikant kien gie kjamat in kawza precedentement jew *seduta stante*. Illi dina s-sitwazzjoni tohloq zewg xenarji : jekk l-applikant ma giex formalment kjamat in kawza mill-ewwel Onorabbli Tribunal kif l-esponenti nghataw x'jifhmu bil-presenza tal-applikant fl-ewwel seduta, allura l-applikant m'ghandhux *locus standi* f' dawn il-proceduri (ara "**Violet Camilleri vs Registratur tal-Qorti"** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, deciza fit-2 ta' Lulju 2010). Jekk m'ghandhux "locus standi" peress illi ma giex inserit korrettament f'dawn il-proceduri, isegwi illi hemm nuqqas ta' integrita f'dawn il-proceduri peress illi l-presenza tal-applikant hija mehtiega *di rigore.* Illi dejjem kienet il-prassi quddiem il-predecessur tal-ewwel Onorabbli Tribunal fil-kaz ta' appell minn terzi illi l-applikant jigi immedjatament kjamat in kawza imma m'huwiex car jekk dan sarx f'dan il-kaz. Jekk mill-banda l-ohra, tali kjamata in kawza tal-applikant verament sehhet, allura, l-okkju tas-sentenza appellata huwa manifestament zbaljat u dana n-nuqqas jinkorri n-nullita tal -istess sentenza kif gie ritenut diversi drabi mill-Qrati taghna, inkluz dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Illi fit-tieni lok, l-ewwel Onorabbli Tribunal zbalja illi ma ddikjarax lill-Awtorita` appellata kontumaci meta dahlet ir-risposta taghha bosta xhur tard minghajr l-ebda gustifikazzjoni u dana in kontravenzjoni tal-**ewwel artikolu tat-Tieni Skeda tal-Kapitlu 504**. Ghaldaqstant, ir-risposta tal- Awtorita` appellata datata 6 ta' April 2011 ghandha tigi sfilzata.

Illi fit-tielet lok, fir-rigward tal-aggravju tal-appellanti dwar it-tnehhija tas-"site notice", il-kaz *de quo* huwa differenti mill-kazijiet citati mill-ewwel Onorabbli Tribunal ghaliex hawnhekk m'huwiex il-kaz illi dahal appell tardivament kif gie ritenut fil-kazijiet ccitati imma kaz fejn bl-aktar mod manifest, ir-rekwiziti tal-ligi ma gewx rispettati. Kif jidher mir-ritratti li gew mehudin fit-2 ta' Novembru 2009 u li gew ikkommunikati lill-Awtorita` appellata fil-5 ta' Novembru

2009, l-avviz dispost mil-ligi fl-**artikolu 32 (4) tal-Kap. 356** tnehha minn xi hadd m'hux maghruf qabel il-perjodu ta' ghoxrin jum li titlob il-ligi. Ghaldaqstant, din l-applikazzjoni l-anqas ma' kellha tibda tigi pprocessata qabel ma jerga' jehel tali avviz u jithalla imwahhal ghall-perjodu ta' ghoxrin jum. Minkejja illi l-Awtorita` appellata giet avzata illi dan il-provvediment tal-ligi ma' giex osservat, xorta baqghet tipprocessa l-applikazzjoni u ma ghamlet xejn sabiex tirrimedja n-nuqqas procedurali li gie lilha senjalat qabel ma' ghadda t-terminu dispost mil-ligi.

Fil-minuta 14, il-*case-officer* naqas illi jindirizza dan in-nuqqas procedurali imma mbaghad strah fuq il-parir legali f' minuta 15 ghalkemm kien naqas f'minuta 14 illi jsemmi l-fatt illi l-avviz li kellu jitwahhal fuq il-post kien tnehha qabel iz-zmien. L-Awtorita` appellata qalet fir-risposta taghha illi l-appellanti m'ghandhomx l-interess giuridiku illi jqanqlu dan l-aggravju *stante* illi huma xorta oggezzjonaw fiz-zmien u sostniet illi l-validita` ta' applikazzjoni tiddependi m'hux fuq is-"site notice" imma fuq l-avviz li jinghata f'gurnal lokali.

Illi madankollu l-ligi ma' taghmel l-ebda distinzjoni bejn is-"site-notice" u l-avviz fil-gurnal lokali. Iz-zewg rekwiziti jridu jigu osservati kontestwalment kif johrog car minn qari tal-provvediment vigenti fid-data tal-applikazzjoni odjerna, jigifieri l-**artiklu 32(4) tal-Kap. 356** illi testwalment kien jghid hekk :

<u>(4) The Authority shall, at the expense of the applicant, cause the proposal and the name of the applicant to be published in the local press and advertised by a notice on the site. The Authority shall be responsible to affix the notice on the site and the applicant shall be responsible to ensure that the notice remains affixed for a period of twenty days from the date the notice is so affixed.</u> A copy of any application and the relative site plan shall be served by the Authority on the local council in whose locality the development is being proposed to be carried out. In the case of major projects the Authority may require the applicant to publicize his application in such other manner as it may deem necessary. The Minister

may prescribe other methods to provide publicity to an application in addition to the above.

Illi huwa evidenti illi kemm l-avviz fuq il-gazzetta kif ukoll l-avviz fis-sit huma mehtiega mil-ligi sabiex l-applikazzjoni tkun valida u t-tezi tal-Awtorita` appellata illi l-avviz fil-gazzetta huwa sufficjenti m'ghandha l-ebda bazi legali. Anzi l-ligi tispecifika illi l-applikant huwa responsabbli illi l-avviz fuq is-sit jitwahhal ghall-perjodu ta' mhux anqas minn ghoxrin jum. Fil-kaz odjern tali nonosservanza ta' rekwizit procedurali tant skjett m'huwiex skuzabbli bl-ebda mod peress illi l-Awtorita` appellata giet avzata b'tali nuqqas permezz tal-ittra ta' oggezzjoni datata 5 ta' Settembru 2009 imma xorta ghazlet illi ma tirrimedjax tali nuqqas, injorat il-provvediment car tal-ligi u kompliet tipprocessa l-applikazzjoni qisu xejn m'hu xejn.

Illi dan in-nuqqas procedurali ghandu jkun bizzejjed sabiex tinvalida d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp tat-23 ta' Novembru 2010. L-argument tal-Awtorita` appellata illi galadarba l-esponenti oggezzjonaw fil-hin ghall-applikazzjoni odjerna m'ghandhomx interess giuridiku jqanqlu tali aggravju ma taghmilx sens giuridiku ghax barra mill-fatt illi seta' kien hemm terzi li ma ndunawx bl-izvilupp propost minhabba dan in-nuqqas procedurali, tali htiega procedurali hija statutorjament mandatorja u ma tistax tigi dispensata b'daqstant facilita`.

Illi fir-raba' lok, il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp ma kellhiex tapprova l-applikazzjoni in kwistjoni minhabba l-fatt illi l-applikazzjoni ghall-emenda minuri illi l-applikant talab ghall-permess bin-numru PA 5726/03 giet approvata fil-15 ta' Mejju 2010, jigifieri wara li skada l-perjodu ta' validita' ta' l-istess PA 5726/03. Ghaldaqstant, tali applikazzjoni ghal emenda minuri ma setghetx tigi approvata fir-rigward ta' permess li ma kienx ghadu operattiv fil-15 ta' Mejju 2010. Galadarba, il-permess ta' applikazzjoni PA 5726/03 ma giex emendat skont il-ligi, l-oggezzjonijiet tad-Direttorat ghall-applikazzjoni odjerna kellhom jigu konfermati minhabba l-bdil fil-"policies" vigenti fil-perjodu successiv ghall-approvazzjoni ta' PA 5726/03.

Illi fil-fatt, fil-minuta 72 tal-file tal-applikazzjoni odjerna, wiehed isib illi il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp iddecidiet fit-23 ta’ Novembru 2010:

Approved 4-0 (MA, TM not present) in view of approved minor amendment and that all submissions have been made within the legal timeframes

Imma dan ma kien minnu xejn u d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp hija bbazata fuq premessa kompletament zbaljata illi l-“minor amendment” saret fit-terminu illi fih l-applikazzjoni originali, PA 5726/03 kien ghadu vigenti.

Skont minuta 52A, il-”minor amendment” gie approvat fl-20 ta’ Mejju 2010. Fil-fatt, il-laqgha tal-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp tat-13 ta’ Mejju 2010 giet differita sakemm tigi approvata l-imsemmija “minor amendment” (minuta 45). Issa l-ittra tal-perit Galea tat-22 ta’ Gunju 2010 (li m’hix irredjata) tghid :

I inform you that minor amendment submission of PA 5726/03 was submitted on 26th April 2010 whilst same PA 5726/03 expires on the 27th April 2010, vide attached acknowledgement and permit copy confirming the above. This verifies that minor amendment over PA 5726/03 was submitted within the validity period of the permit implying that this renewal application, i.e. PA 3568/09 can be eventually approved.

Jigifieri l-argument tal-perit Galea ghall-applikant, argument illi gie sostnut kemm mill-Awtorita` appellata kif ukoll mill-ewwel Onorabbli Tribunal, hu illi galadarba l-applikazzjoni ghall-“minor amendment” saret qabel ma skada l-permess originali (PA 5726/03), propjament jum qabel, ghaldaqstant, l-approvazzjoni tal-applikazzjoni odjerna hija regulari. Imma l-punt kollu hu illi ma tistax tigi approvata “minor amendment” ta’ applikazzjoni illi diga’ skadiet u l-approvazzjoni tal-“minor amendment” fl-20 ta’ Mejju 2010 ma tista’ qatt temenda l-permess PA 5726/03 illi kien skada, *ex admissis*, fis-27 t’April 2010, erba’ gimghat qabel.

Illi kuntrarjament ghal kif argumenta l-perit Galea ghall-applikant, l-applikazzjoni ghall-“minor amendment” ma testendiex l-validita` tal-permess originali. Dina l-verita` daqstant evidenti giet ikkonfermata mill-konsulent legali tal-Awtorita` f’minuta 65 :

The minor amendment does not extend the validity of a permit. As such the minor amendment in question did not extend the validity term of the said permit.

Furthermore, this renewal application, if it had to be considered, has to be considered under current policy in accordance with local plan interpretation document.

B’parir legali daqshekk car u inekwivoku, hu tassew inspjegabbli kif il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp waslet ghall-konkluzjoni totalment zbaljata taghha, konkluzjoni illi giet avvallata mill-ewwel Onorabbli Tribunal. U kien biss ghab-bazi ta’ tali ragunament zbaljat illi l-applikazzjoni giet approvata ghax il-Case-Officer fir-rapport tieghu (Minuta 32 u 54) ghamilha cara illi :

DCC may wish to note that in a Renewal application fresh drawings cannot be considered.

Ghaldaqstant, sabiex igedded il-permess originali PA 5726/03 bl-applikazzjoni odjerna konformement mar-regolamenti vigenti, l-applikant kellu jemenda l-permess originali imma naqas li jaghmel hekk fil-perjodu illi l-permess kien validu. Galadarba, il-permess skada u ma baqax validu, ma setax jigi emendat postumu permezz ta’ “minor emendment” wara li skadiet il-validita tal-permess originali PA 5726/03 kif gara fil-kaz odjern u l-approvazzjoni tal-applikazzjoni *de quo* hija ghal kollox irritwali u konsegwentement, nulla.

Illi l-argument tal-Awtorita` appellata fir-risposta taghh? illi hija l-applikazzjoni odjerna illi testendi l-validita` tal-applikazzjoni originali PA 5726/03 u m’hux il-“minor amendment” hu ghal kollox ingenwu ghax hadd ma cahad dan : illi ma ssemmiex hu illi l-applikazzjoni originali PA

5726/03 giet emendata wara li baqghetx valida. Probabilment, l-ewwel kaz ta' permess li gie rxuxtat wara li kien miet! Sfortunatament, dana l-argument gie avvalat mill-ewwel Onorabbli Tribunal kontra kull logika.

Illi fil-hames lok, u fil-mertu, l-oggezzjoni tal-esponenti ghal din l-applikazzjoni hija ghall-istess ragunijiet illi fuqhom sejsu l-oggezzjoni taghhom kemm ghall-applikazzjoni PA 5726/03 kif ukoll l-"outline development application" precedenti u cioe' PA 2765/02 u senjatament, illi din l-applikazzjoni tikkontravjeni l-"policy" BEN 1 u BEN 2 tal-Pjan ta' Struttura kif ukoll paragrafu 7.2 tat-Tieni Parti tal-istess Pjan ta' Struttura.

Illi l-ewwel Onorabbli Tribunal wasal ghal konkluzjoni diametrikament opposta fid-decizjoni appellata min dik illi wasal ghaliha fit-28 ta' Lulju 2011 fid-decizjoni fl-ismijiet **"Lija Local Council et vs L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et"** meta ddikjara illi l-principji illi jinsabu fil-Pjan ta' Struttura huma superjuri ghall-pjani lokali u ghaldaqstant, iz-"zoning" ma jistax jinjora l-istess Pjan ta' Struttura u permessi ma jistghux jinghataw ghab-bazi tal-Pjani Lokali meta l-Pjan ta' Struttura jirrizulta li ser ikun vjolat. L-ewwel Onorabbli Tribunal kien qal illi :

Ghalkemm il-Pjani Lokali huma dettaljati, wiehed ma jistax jippretendi li dawn jiehdu in konsiderazzjoni l-*issues* partikolari kollha li jirrizultaw minn kull triq, pjazza, bini, veduta, sit arkeologia (sic), *neighbourhood,* eccetra f'kull lokalita` ta' pajjizna...Fil-kuntest ta' *issues* specifici u partikolari li jistghu jinholqu f'lokalita` specifika, il-pjan lokali ghadu xi ftit generiku u ghalhekk, per ezempju, tintuza l-kelma "sa" u mhux ghar-raguni li jgib l-appellant...Hemm ukoll il-fatt inecceppibli li hafna minn dawn il-pjanijiet lokali u *policies jista'* jkun li ghandhom certi nuqqasijiet fihom. Ghalhekk, killi meta jinholoq xi dubju ghandu jkun l-Structure Plan li jiehu s-sopravent.

Fid-decizjoni odjerna, l-ewwel Onorabbli Tribunal, kompost identikament kif kien kompost fis-sentenza sucitata, kkonkluda inspjegabilment b'mod diametrikament oppost illi "billi l-izvilupp propost hu

konformi ma dak indikat fil-Pjan Lokali ma jistax jinghad li qed issir kontravenzjoni tal-Policies BEN1 u BEN 2 tal-Pjan ta' Struttura".

Illi dina l-konkluzjoni wasal ghaliha meta l-bini propost, jikkuntrasta bil-qawwa mal-bini ezistenti illi jikkonsisti f'villa "fully-detached" u ser jiggenera hafna traffiku b'detriment ghaz-zona illi diga` qed taffacja influss qawwi ta' traffiku. *Inoltre*, l-izvilupp propost ser ikompli jgharraq l-karattru taz-zona illi kienet tikkonsisti f "fully-detached villas" qabel ma gew approvati applikazzjonijiet simili minkejja l-oggezzjonijiet tar-residenti u dana billi jbiddel il-villa in kwistjoni fi blokk anonimu ta' appartamenti. Dana meta hawn daqshekk appartamenti vojta fil-pajjiz.

Illi tajjeb illi wiehed jinnota ukoll illi anke wara l-approvazzjoni tardiva tal-"minor amendment", l-"case-officer" xorta baqa' joggezzjona ghall-approvazzjoni tal-applikazzjoni odjerna (Ara minuta 54 tal-1 ta' Gunju 2010) :

*The projecting rooms at first and second floor levels with of more than 40% of the facade of the building run counter to policy 11.5 part (a) Projecting Rooms or Parts of a Building of Development Control Policy & Design Guidance 2007.*

4.9 Conclusion

The proposed renewal of Permit PA 5726/03 cannot be recommended since no works have commenced on site and the extent of the projecting rooms (width and depth) is not in conformity with the current policy.

Illi *in vista* tas-suespost, huwa tassew inspjegabbli kif il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp approvat dina l-applikazzjoni u tali approvazzjoni hija totalment irregulari u ghandha tigi revokata. L-ewwel Onorabbli Tribunal kkonferma tali decizjoni wara analisi mill-aktar superficiali tal-kwistjoni kollha u billi uza metru totalment differenti milli uza f'sitwazzjonijiet ohra fejn forsi l-ewwel Onorabbli Tribunal gie kkundizzjonat mill-ghagha tal-opinjoni pubblika u konvenjentement mar mal-kurrent.

Ghal dawn ir-ragunijiet u ghal ohrajn li jistghu jitqanqlu fil-kors ta' dan l-appell, l-esponenti, filwaqt illi jaghmlu referenza ghall-provi prodotti u fil-waqt li jirriservaw li jgibu dawk il-provi l-ohra permessi skont il-ligi, jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tad-29 ta' Novembru 2011, Appell numru 12/11 CF fl-ismijiet premessi u taqta' u tiddeciedi illi l-permess in kwistjoni tal-Applikazzjoni Numru *PA 3568/09 - Tigdid ta' PA 5726/03* ma nhariegx skond il-ligi u ghandu jigi revokat.

Bl-ispejjez.

Rat in-nota tas-Segretarju tat-Tribunal tal-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 15 ta' Frar 2012 a fol 10 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa vera kopja tal-*file* tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet "**Joseph u Marianne konjugi Grech vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**" deciz mit-Tribunal.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-24 ta' April 2012.

Rat ir-risposta tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 23 ta' April 2012 a fol 13 tal-process fejn eccepiet: -

1. Illi preliminarjament u fl-ewwel lok l-Awtorita` esponenti tirrileva illi l-appell *de quo* huwa null u irritu in kwantu taht il-**Kap 504**, hu espressament ipprojbit fil-ligi li *third party objector* jappella minn decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar [vide t-**Tieni Skeda tal-Kap 504, para. 11**].

2. Illi *dato ma non concesso* li l-eccezzjoni sudetta ma tigi milqugha, fil-meritu l-esponenti tirrileva illi d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni ghall-Ambjent u l-Ippjanar tad-29 ta' Novembru 2011 hija gusta u ekwa u timmerita konferma fl-intier taghha u m'hemm ebda lok li tigi disturbata bl-ebda mod la fattwalment u lanqas legalment.

3. Illi kwantu ghall-ewwel aggravju mressaq mill-appellant u cioe' dwar il-kjamata in kawza tal-applikant l-esponenti tirrileva illi kif jidher mill-okkju tas-sentenza tat-Tribunal l-applikant ma jidhirx li gie kjamat in kawza. Madanakollu l-atti jidhru li huma in regola fis-sens illi l-okkju tas-sentenza jikkombacja mal-atti processwali u huwa l-appellant li jrid jipprova n-nuqqas ta' integrita ta' gudizzju u/jew in-nullita li qed jinvoka.

4. Illi kwantu ghat-tieni aggravju jigi umliment sottomess illi l-**ewwel artikolu tat-Tieni skeda tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi illi *L-Awtorità għandha tippreżenta r-risposta tagħha fi żmien tletin jum minn meta l-applikazzjoni tkun ġiet notifikata lilha* ***jew fiż-żmien kif stabbilit mit-Tribunal.*** *Ir-risposta trid tiġi notifikata lill-appellant.* Illi il-kliem *jew fiz-zmien kif stabbilt mit-Tribunal* jikkonferixxu fuq l-istess Tribunal id-diskrezzjoni illi jistabbillixxi jekk, fic-cirkostantzi, r-risposta tal-Awtorita' appellata tkunx giet ipprezenta fiz-zmien adegwat *nonostante* l-iskadenza ta' 30 jum illi fih, ordinarjament, ghandha tigi pprezentat tali risposta. Illi ghaldaqstant l-aggravju tal-appellant illi r-risposta tal-Awtorita' appellata giet ipprezentata *fouri termine* hija nfondata fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-artikolu illi fuqu l-istess appellant issejjes tali aggravju jipprovdi deroga mit-terminu ta' 30 jum prefiss fl-istess artikolu, f'kazijiet fejn t-Tribunal jistabilixxi zmien iehor illi fih ghandha tigi ipprezentata r-Risposta tal-Awtorita' appellata. It-Terminu prefiss fl-**artikolu 1 tat-Tieni skeda tal-Kap. 504** m'huwiex wiehed perentorju *stante* illi t-Tribunal jista' jistabblixxi zmien iehor illi fih ghandha issir il-prezentata tar-risposta tal-Awtorita' Appellata.

Illi *in oltre,* minghajr pregudizzju ghas-suespost, *dato ma non concesso* illi l-Awtorita' appellata kellha tigi iddikjarata kontumaci, dan ma jfissirx illi mhux permessibbli ghat-Tribunal illi jikkoncedi lill-Awtorita' l-possibilita' li tressaq is-sottomissjonijiet taghha in sostenn tad-decizjoni moghtija mill-istess Awtorita'.

5. Illi fir-rigward tat-tielet aggravju u cioe` tal-ilment tal-appellent illi *l-applikazzjoni ma kellhiex tigi approvata qabel ma jerga' jehel l-Avviz, u jibqa' hemm ghal ghoxrin jum,* l-Awtorita' appellata taghmel referenza ghal dak minnha sottomess fil-proceduri tal-Appell quddiem it-Tribunal, fejn spejgat illi:- *The appellant does not have the juridical interest in the issue related to the fixing of the site notice since it is clear that he was adequately informed of the submission application, otherwise he would not have objected within 15 days of the submission of the application.*

*The removal of the site notice prior to the expiry of the 20 days does not invalidate the application... the validity of the application is tied not to the site notice but the publication of the application in the local newspaper.*

F'dan l-istadju issir referenza ghan-numru ezorbitanti ta' sentenzi illi jghidu u jikkonfermaw illi fil-kaz ta' avviz ta' proposta ghall-izvilupp dak li huwa 'l iktar important huwa li l-istess dettalji fuq l-avviz jigu ppubblikat fl-istampa lokali. Ghaldaqstant, kwalunkwe persuna kellha l-opportunita` fit-termini stabbiliti mil-ligi li taghmel sottomissjonijiet sabiex toggezzjona kontra l-izvilupp in kwistjoni u dan ghialiex l-avviz gie ppubblikat fl-istampa lokali.

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Reverendu Carmelo Busuttil vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp et** (PAB 310/00 - Qorti Appell (Superjuri), 5 ta' Ottubru 2001) irriteniet li l-legislatur, fl-**artikolu 32 (4)** ried jiddistingwi bejn ix-xandir *tas-site notice u* l-pubblikazzjoni fl-istampa lokali. L-**artikolu 32 (5)** ("Kull persuna tista', ghal ragunijiet imsejsa fuq kwistjonijiet rilevanti ta' ppjanar, taghmel sottomissjonijiet fejn toggezzjona kontra xi zvilupp. Dik l-oggezzjoni ghandha ssir bil-miktub u ghandha jkun fiha esposizzjoni motivata ghaliha, **u ghandha tasal ghand l-Awtorita` fi zmien hmistax-il jum mill-pubblikazzjoni tal-avviz imsemmi fis-subartikolu** (4),(...)" (enfasi mizjud)) jiddisponi tassattivament li terz interessat jista' jintervjeni bl-opposizzjoni tieghu ghall-hrug tal-permess fi zmien

hmistax-il jum mill-pubblikazzjoni. Fin-nuqqas, it-terz interessat jitlef id-dritt ta' intervent. Il-Qorti tal-Appell fl-imsemmija sentenza irriteniet:

**"Wiehed jinnota li meta gie ghas-subinciz (5) il-legislatur uza biss il-kelma "pubblikazzjoni" u ma ghamel l-ebda riferenza ghall-kelma "xandir". Fil-fehma tal-Qorti dan il-fatt ikkonforta l-interpretazzjoni li wasal ghaliha l-Bord meta qal li t-terminu perentorju ghall-oggezzjonijiet tat-terzi persuni ghandu jibda' jiddekorri mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviz fl-istampa lokali u mhux mid-data li fiha tkun imwahhla s-*site notice*"** (enfasi mizjud).

Il-Qorti tahseb li l-legislatur kellu skop preciz meta uza unikament il-kelma "pubblikazzjoni", biex jaghti hjiel li tterminu imsemmi kellu jibda' jiddekorri minn din id-data tal-pubblikazzjoni fl-istampa lokali. B'dan il-mod il legislatur wera li ried jevita hafna incertezzi u litigazzjoni bla bzonn derivanti mill-fatt li d-data tal-pubblikazzjoni f'gazzetta tista' ferm aktar facilment tigi provata u accertata milli qatt tista' tkun stabbilita d-data tat-twahhil tas-*site notice.* Kieku t-terminu in kwistjoni kellu jkun marbut mad-data tat-twahhil tas-*site notice* fuq il-post, kien ikun necessarju li ssir il-prova wkoll li matul dan it-terminu kollu, l-istess avviz baqa' dejjem imwahhal fuq il-post.

M'ghandniex xi nghidu li din il-prova hija prova li tista' tohloq diffikultajiet kbar u jista' jkun hemm lok ghal abbuz da parti ta' persuna interessata li tkun intenzjonata li ttawwal it-terminu perentorju ta' 15-il gurnata b'mezzi mhux konvenzjonali jekk mhux ukoll illegali, billi per ezempju, tara li dak l-avviz jigi maqlugh minn fejn twahhal."

Fis-sentenza **Dr. Philip Galea et vs Tigne` Development Co. Limited et** (P.A. (Mhallef Geoffrey Valencia) - 29 ta' Marzu 2004) il-Qorti qalet:

**"It-terminu ta' hmistax-il jum jibda jiddekorri indipendentement mit-twahhil *tas-site notice,*** (enfasi

mizjud) Jista’ jaghti l-kaz li, per ezempju, ssir il-pubblikazzjoni fl-istampa lokali (b’hekk jibda jiddekorri tterminu) umbaghad is-*site notice* titwahhal ferm wara li jkum skada t-terminu ghall-intervent. ….. dak li hu relevanti huwa l-pubblikazzjoni fl-istampa lokali.”

Fis-sentenza **“Fish & Fish Limited et vs L-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar” (A.I.C. (Mhallef Raymond C. Pace) 10 ta’ Dicembru 2008))** wara s-sentenza **“Perit Austin Attard Montaldo vs l-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp” (A. C.** - **20 ta’ Awwissu 1996)** inghad mill-Qorti li:- “...dahlu emendi fil-ligi li llimitaw l-appell li seta’ jaghmel terz interessat fis-sens li tali appell ma setax isir f’kull stadju izda dan kellu jaghmel l-oggezzjoni tieghu bil-mod indikat bil-miktub u fit-terminu stipulat li jibda jiddekori mid-data tal-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni relattiva ta’ zvilupp, u ghalhekk l-iskop ta’ tali emenda kien li kull min ghandu nteress fl-istess zvilupp kellu jaghmel l-opposizzjoni tieghu mal-ewwel opportunita` li tinghata lilu u din l-opportunita’ giet ikkunsidrata bhala dik meta ssir il-pubblikazzjoni relattiva tal-proposta (*vide* wkoll **“Reverendu Carmelo Busuttil vs Il-Kummissjoni ghall- Kontroll tal-Izvilupp” (A.C. - 5 ta’ Ottubru 2001) “Saviour Cremona vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal- Izvilupp” (A. C. - 27 ta’ April 2006) u dik fl-ismijiet “Dr. Philip Galea et vs Tigne` Development Co. Limited et” (P.A. (Mhallef Geoffrey Valencia) - 29 ta’ Marzu 2004).”**

6. Illi fir-rigward tar-raba aggravju u cioe’ illi skont l-appellant il-permess originali kien skada l-esponenti tirreferi ghas-sottomissjonijiet minnha mressqa quddiem it-Tribunal u cioe` illi l-minor amendment ghal PA5726/03 (ta’ liema applikazzjoni qed jintalab ir-renova bl-applikazzjoni odjerna) kienet giet sottomessa fis-26 ta’ April 2010. Il-permess kien jiskadi fis-27 ta’ April 2010 u kwindi l-applikazzjoni ghal minor amendment giet intavolata fil-hin meta l-permess kien ghadu validu.

7. Illi fir-rigward tal-hames aggravju u cioe’ illi skont l-appellant il-permess tal-applikant imur kontra l-Pjan ta’ Struttura policies BEN 1 u 2, l-esponenti tirreferi ghas-

sottomissjonijiet taghha qudiem it-Tribunal dwar dan il-punt u zzid billi taghmel taghha l-enuncjazzjonijiet tat-Tribunal illi qal illi l-*area* in kwistjoni hija *zoned* bhala wahda residenzjali b'*height limitation* ta' 3 sulari u *semi-basement* skont il-Pjan Lokali. Una volta l-izvilupp approvat hu konformi ma dak indikat fil-Pjan Lokali ma jistax jinghad li qed isir in kontravenzjoni tal-*policies* BEN 1 u 2 tal-Pjan ta' Struttura.

Apparti minn hekk l-esponenti tirrileva illi kunsiderazzjonijiet rigwardanti dawn il-*policies* huma xi haga li jaqghu fil-mansjoni esklussiva tat-Tribunal u din l-Onorabbli Qorti ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha u ghalhekk minn dan il-lat dan l-aggravju mhuwiex wiehed li jista' jitressaq skont il-Ligi *stante* li mhux punt ta' Ligi.

Ghaldastant, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-esponenti bil-qima titolb illi din l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha tichad *in toto* l-appell tar-rikorrent bhala nfondat fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrent.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Mejju 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Noel Bartolo ghall-awtorita` appellata, Dr. Joseph Ellis ghall-appellant, u Dr. Peter Borg Cistanzi. Dr. Ellis ghall-appellant ta ruhu b'notifikat bir-risposta tal-appell, pero` sostna li din ghandha tigi sfilzata *stante* li tardiva. Dr. Bartolo jghid li ma hemmx terminu meta l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tipprezenta risposta taht l-Kapitolu 504 . Il-Qorti minhabba n-natura tal-kaz u tal-principji legali nvoluti, lanqas mhux se tiddeciedi fuq il-kwistjoni tal-intervenut fil-kawza, f' dan l-istadju. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-26 ta' Gunju 2012.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li (a) id-decizjoni hija nulla u bla effett u dan peress li l-applikant ma giex indikat bhala parti jew kjamat fil-kawza fil-proceduri quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar meta l-appellanti odjerni kienu istitwew appell ta' terz mid-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp fuq PA 3568/09 Tigdid 5726/2003 mahrug f'isem Richard Colombo meta dan kellu jkun parti anke ghall-integrita' tal-gudizzju; (b) l-Awtorita' kellha tigi ddikjarata kontumaci la darba ma dahlitx risposta fit-terminu indikat fl-**ewwel artikolu tat-Tieni Skeda tal-Kap. 504** u ghalhekk ir-risposta tal-Awtorita' appellata datata 6 ta' April 2011 ghandha tigi sfilzata; (c) ma kienx hemm *site notice* ghat-terminu indikat fl-artikolu 32 (4) tal-Kap. 356 li huwa mehtieg *ad validitatem* u dan kellu jkun bizzejjed sabiex l-appell tal-appellanti odjern quddiem it-Tribunal jigi milqugh u d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp tat-23 ta' Novembru 2010 tigi annullata; (d) l-Kummissjoni ma kellhiex tapprova l-applikazzjoni ghall-emenda tal-permess Numru 5726/03 ghaliex din giet approvata wara li skada l-perjodu ta' validita' tal-permess PA 5726/03 u wkoll ghaliex kien hemm bdil ta' *policies* fid-data meta tali applikazzjoni giet approvata; (e) din l-applikazzjoni tmur kontra l-*policy* BEN 1 u BEN 2 tal-Pjan ta' Struttura li skond decizjoni tal-istess Tribunal fil-kawza fl-ismijiet **"Lija Local Council et vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** datata 28 ta' Lulju 2011 huma superjuri ghall-pjan lokali, u ghalhekk iz-*zoning* ma jistax jinjora dak li hemm fil-Pjan ta' Struttura u permessi ma jistax jinghataw skond il-Pjan Lokali meta l-Pjan ta' Struttura huwa vjolat, u f'din id-decizjoni t-Tribunal iddecieda l-oppost ghaliex jidher li approva li jsir tali zvilupp f'zona li kienet intiza ghall-*fully detached villas* qabel ma inghataw u gew approvati applikazzjonijiet simili ghal dawk mertu tal-kaz odjern.

Illi l-ewwel punt li qajmet l-Awtorita' huwa li bhala terz registrat u appellanti l-appellanti ma ghandhomx dritt ta' appell quddiem din il-Qorti kif jipprovdi l-**artikolu 11 tat-Tieni Skeda tal-Kap. 504.** Izda f'dan il-kaz din il-Qorti ma tistax taccetta din is-sottomissjoni ghaliex l-appellant odjern huwa appellant huwa stess quddiem it-Tribunal u

skond l-**artikolu 7 tat-Tieni Skeda tal-Kap. 504** *"appellant jew l-Awtorita' ma jaqblux ma' xi punt ta' ligi deciz mit-Tribunal, huma jistghu jappellaw lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) b'rikors prezentat kif provdut fl-**artikolu 42".*** Jidher li l-artikolu citat mill-Awtorita' appellata jirreferi ghall-kaz meta l-applikant jaghmel appell quddiem it-Tribunal u t-terza persuna interessata tkun qed registratata skond l-**artikolu 68 (4) tal-Kap. 504.** Hawnhekk il-kaz huwa differenti ghaliex l-appell gie istitwit quddiem it-Tribunal proprju mit-terza persuna interessata u ghalhekk anke jekk applikabbli l-**Kap. 504** hija appellant skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 7** tal-isemmija **Tieni Skeda tal-Kap. 504.** B'hekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi dwar il-punt li d-decizjoni tat-Tribunal hija nulla u bla effett ghaliex ma tindikax lill-applikant tal-permess fl-okkju tal-istess decizjoni u fl-atti tal-istess Tribunal bhala parti jew almenu bhala kjamat fil-kawza din il-Qorti thoss li dan l-aggravju huwa ben fondat ghaliex ghall-integrita' tal-gudizzju tali applikant kellu jkun parti mill-istess decizjoni specjalement meta kull decizjoni ser taffettwa l-istess applikazzjoni u l-ghoti tal-permess lilu jew ic-cahda tieghu. Ovvjament din il-mankanza ma tistax tigi retifikata f'dan l-istadju, u certament ir-rikors datat 26 ta' April 2012 li sar mill-applikant Richard Colombo fil-mori ta' dan l-appell sabiex jigi ammess jintervjeni *in statu et terminis* ma kienx ser isolvi din il-kwistjoni ghaliex l-intervenut fil-kawza ma huwiex meqjus bhala parti fil-kawza u ghalhekk din il-Qorti f'din l-istess decizjoni qed tichad tali talba ta' Richard Colombo.

Illi ovvjament id-determinazzjoni tal-istess rikors bl-ebda mod ma timpingi fuq id-decizjoni dwar dan l-aggravju, tant li din il-Qorti thoss li tali nuqqas ta' indikazzjoni tal-appellant bhala parti jew almenu kjamat fil-kawza fid-decizjoni tat-Tribunal irendi l-istess decizjoni nulla u bla effett ghallkull effett u buon fini tal-Ligi. Illi r-risposta tal-Awtorita' appellata fuq dan il-punt bl-ebda mod ma hija soluzzjoni ghal din il-mankanza, iktar u iktar meta mid-data tal-14 ta' Jannar 2011 l-istess applikant kien informat mill-Awtorita' appellata bl-appell tal-appellant quddiem it-

Tribunal li sar fit-12 ta' Jannar 2011 u jirrizulta li l-istess applikant kien kompartecipi fl-istess proceduri quddiem it-Tribunal kif jidher mill-verbali tas-seduti quddiem it-Tribunal datati 21 ta' April 2011 u fil-fatt gie informat li kienet ser tinghata decizjoni fid-29 ta' Novembru 2011 permezz ta' avviz fl-10 ta' Novembru 2011, avviz li inghata lill-partijiet kollha fl-istess proceduri quddiem il-Bord. B'hekk dan iwassal ghan-nullita' tal-istess decizjoni tat-Tribunal. In vista ta' dan ma hemmx bzonn li din il-Qorti tidhol fl-aggravji l-ohra sollevati mill-appellanti.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita' appellata kontenuta fir-risposta taghha tal-appell datata 23 ta' April 2012 in kwantu hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u tichad l-eccezzjoni l-ohra biss in kwantu nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti fir-rikors tal-appell taghhom datat 19 ta' Dicembru 2011 ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li din il-Qorti qed tirrevoka u tannulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi d-decizjoni tat-Tribunal Ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar fl-ismijiet "Joseph Grech et vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" (PA 3568/09 – Appell Numru 12/11 CF) datata 29 ta' Novembru 2011 ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, u b'hekk tibghat lura u tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar sabiex jiddeciedi l-kaz fid-dawl ta' dak hawn deciz u skond il-Ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-Awtorita' appellata.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------